**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR PAUL CAMILLERI)**

**VS**

**OMISSIS**

**KUMP NRU: 339/2021**

**ILLUM 1 TA' GUNJU 2021**

**IL-QORTI,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Omissis, detentur tal-karta tal-identita' numru 345182M

1. Talli nhar il-31 ta' Mejju 2021, ghall-habta ta' nofs siegha ta' billejl (00:30hrs) minn gewwa l-iskola St. Thomas More College St Lucija Secondary, Triq il-Kahwiela, St Lucija, bil-hsieb li jwettaq serq, wera b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independent mill-volonta' tieghu u liema serq li kieku sehh kien ikun serq aggravat bil-mezz, hin u valur u dan ghad-detriment ta' St Thomas More College u jew persuni jew entitajiet ohra.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu ta l-kunsens sabiex il-kaz odjern jigi trattat bi procedura sommarja.

Ra li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Ra li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Sema' t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfacjentement ippruvata.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tal-kaz, l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali tal-imputat. Hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna billi huwa ghandu l-vizzju tad-droga u jehtieg li jahdem biex jehles minn dan il-vizzju. Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis li ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263(a), 266, 267, 270, 278(3) u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza; kif ukoll jekk huwa jonqos milli jobdi d-direttivi moghtija lilu mill-Ufficcjal tal-Probation.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**